MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PETER BORG COSTANZI**

Seduta tal-15 ta' Lulju, 2005

Talba Numru. 876/2005

**Bank of Valletta p.l.c. (C2833)**

**Vs**

**Louis Azzopardi (I.D. Nru. 443069(M)**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu l-Bank attur talab il-hlas tas-somma ta' tmien mija u lira Maltin u sebgha u sebghin centezmu (Lm801.77c) rapprezentanti bilanc ghad-debitu fil-*Loan Account* tal-konvenut Louis Azzopardi mal-Bank of Valletta p.l.c., liema *Loan Account* gie moghti lill-konvenut permezz ta' skrittura privata datata 24 ta' Marzu, 1997.

Ra li mill-atti jirrizulta li l-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz u ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi.

Ra n-Nota ta’ Riduzzjoni pprezentata fit-23 ta’ Gunju, 2005 li biha l-Bank attur irriduca t-talba tieghu ghall-ammont ta’ tlett mija u sitta u disghin lira Maltin u tlieta u sittin centezmu (Lm396.63c) flimkien ma’ l-imghaxijiet relattivi mill-1 t’April, 2005 sal-gurnata ta’ l-effettiv pagament.

Ra n-Nota ta’ Ammissjoni pprezentata wkoll fit-23 ta’ Gunju, 2005 li biha l-konvenut Louis Azzopardi ammetta t-talba tal-Bank attur kif ridotta.

Ghaldaqstant, fuq ammissjoni tal-konvenut, peress illi t-talba tal-Bank attur kif ridotta tirrizulta sodisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa’ t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas is-somma ta’ tlett mija u sitta u disghin lira Maltin u tlieta u sittin centezmu (Lm396.63c), bl-imghax mill-1 t’April, 2005. L-ispejjez huma a karigu tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------